MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 584/1993/1

**Mark Micallef**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana, u b'digriet tat-2 ta' Marzu 1994 l-Avukat Albert Grech bhala mandatarju tad-ditta NWS Bank Plc gie mdahhal fl-atti tar-rikors bhala intervenut *in statu et terminis***

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar il-kwistjoni sollevata *ex officio* mill-Qorti fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2005. F'dik l-

udjenza l-Qorti gibdet l-attenzjoni ta' l-appellant Kontrollur tad-Dwana u tad-difensur tieghu li r-rikors ta' appell ma kienx gie notifikat lill-intervenut fil-kawza entro t-terminu mehtieg sabiex il-procedura bil-miktub tkun tista' tinghalaq fiz-zmien stabbilit fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) moqri flimkien ma' l-Artikolu 146 ta' l-istess Kodici[1]. Il-kawza thalliet ghal-lum ghal provvediment dwar id-deserzjoni o meno ta' l-appell.

Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti nghatat fid-29 ta' Jannar 2003. Il-Kontrollur tad-Dwana appella permezz ta' rikors datat 18 ta' Frar 2003 u indika biss, bhala l-persuna li kellha tigi notifikata b'dak ir-rikors, lil Mark Micallef. Dana Micallef gie notifikat bl-imsemmi rikors fid-19 ta' Frar 2003. F'ebda stadju u f'ebda hin ma sar imqar tentattiv sabiex jigi notifikat l-intervenut fil-kawza, u sat-22 ta' Novembru 2005 dana l-intervenut kien ghadu mhux notifikat bl-istess rikors ta' appell.

Issa, ma hemmx dubbju li l-intervenut fil-kawza – a differenza tal-kjamat in kawza – huwa f'posizzjoni differenti minn partijiet ohra fil-kawza. L-intervenut la hu attur u anqas konvenut, ma jistax jigi kkundannat u anqas liberat, u ghalhekk f'dan is-sens jista' jinghad li ma hux parti fil-gudizzju bejn l-attur u l-konvenut (jew, bhal f'dan il-kaz – ghax il-kawza bdiet b'rikors – bejn ir-rikorrent u l-intimat) – ara, f'dan is-sens, is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tas-7 ta' Novembru 1988 fl-ismijiet ***Anthony Psaila v. Arthur Biggerstaff***. Minkejja dan, il-ligi stess tghid li l-intervenut, galadarba ammess jintervjeni mill-Qorti, jitqies bhala "parti fil-kawza" – ara l-Artikolu 960 tal-Kap. 12. L-intervenut jintervjeni biex jipprotegi l-interess tieghu (ara, *obiter*, ***Constantino sive Lino Grech et v. Onor. Nutar Dr. Alex Sciberras Trigona et*** Qorti ta' l-Appell, 20 ta' Frar 1996), liema interess irid ikun interess sostanzjali u dirett fil-kawza, u mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik il-kawza (***Mario Galea Testaferrata et v. Il-Prim Ministru et*** Qorti Kostituzzjonali, 10 ta'

[1] Ara a propositu tal-komputazzjoni tat-terminu s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tal-10 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet ***Rose Marie Stagno Navarro et v. Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp et***.

Jannar 2005). Huwa ghalhekk li l-intervenut fil-kawza ghandu dritt jaghmel sottomissjonijiet u anke jressaq provi. L-intervenut fil-kawza jista' wkoll jappella mis-sentenza bhalma jista' jappella kull min ikollu interess (Artikolu 236, Kap. 12). Bl-ammissjoni ta' l-intervenut fil-kawza, il-Qorti ta' prim istanza tkun diga` ippronunzjat ruhha, tajjeb jew hazin, dwar l-interess ta' l-istess intervenut. Ghalhekk, fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, meta l-ligi tghid, fl-Artikolu 144(1) tal-Kap. 12, li r-rikors ta' appell ghandu jigi notifikat "lill-partijiet kollha", din l-espressjoni ma tistax ma tinkludix lill-intervenut fil-kawza proprju minhabba l-interess li huwa jkun diga` ssodisfa lill-ewwel Qorti li ghandu. Jinghad ukoll li l-intervenut fil-kawza jista' anke jappella incidentalment – u biex jaghmel hekk irid ikun gie notifikat bir-rikors ta' appell – proprju ghax kif jinghad fl-ahhar sentenza tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 240 tal-Kap. 12, "Dak l-appell incidentali jista' jsir ukoll kontra u minn kull parti li ma tkunx wahda li kontra taghha jkun sar l-appell skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 144…" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Tali eccezzjoni ta' deserzjoni hi sollevabbli mhux biss per via ta' eccezzjoni mill-kontro-parti – fil-kaz odjern, fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2005, deher biss l-appellant – izda hi sollevabbli anke *ex officio* (ara s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tat-8 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Limited noe v. W. J. Parnis England noe et***, u s-sentenzi hemm citati).

Fic-cirkostanzi din il-Qorti, anke fuq l-iskorta tal-provvediment taghha tal-15 ta' Frar 2005 fil-kawza fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance Co. Ltd v. Lee Glass et***, tiddikjara l-kawza deserta fit-termini tal-Artikolu 963(5)(b) tal-Kap.12 u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell. Spejjez a karigu ta' l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------